

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2008/0194(COD)

18.11.2008

*****I**

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ħlas transkonfinali fil-Komunità
(COM(2008)0640 – C6-0352/2008 – 2008/0194(COD))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Margarita Starkevičiūtė

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- **I Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- **II Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni
- *** Proċedura ta' kunsens
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE
- ***I Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- ***II Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni
- ***III Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa **qawwija u korsiva**. Fil-każ ta' atti li jemendaw, il-partijiet li jittieħdu kif inhum minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-Kummissjoni ma tkunx emendat, huma indikati b'tipa **qawwija**. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...]. Test *korsiv normal* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvjji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Paġna

| | |
|---|----|
| ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW..... | 5 |
| NOTA SPJEGATTIVA | 10 |

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ħlas transkonfinali fil-Komunità
(COM(2008)0640 – C6-0352/2008 – 2008/0194(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2008)0640),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 95(1) tat-Trattat KE, skont liema Artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0352/2008),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li ikkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A6-0000/2008),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 2560/2001 jkopri t-trasferimenti transkonfinali tal-kreditu u t-tranżazzjonijiet transkonfinali tal-ħlasijiet elettroniċi. Ikopri wkoll iċ-ċekkijiet transkonfinali, iżda għal raġunijiet ta' trasparenza biss. F'konformità mal-għan tad-Direttiva 2007/64/KE li jsiru possibbli d-debiti diretti transkonfinali huma rakkommandabbli li jiġi estiż l-ambitu tar-Regolament. Fir-rigward tal-istrumenti tal-ħlas li huma prinċipalment jew esklussivament stampati, bħaċ-ċekkijiet, għadu mhux rakkommandabbli li jiġi

Emenda

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 2560/2001 jkopri t-trasferimenti transkonfinali tal-kreditu u t-tranżazzjonijiet transkonfinali tal-ħlasijiet elettroniċi. Ikopri wkoll iċ-ċekkijiet transkonfinali, iżda għal raġunijiet ta' trasparenza biss. F'konformità mal-għan tad-Direttiva 2007/64/KE li jsiru possibbli d-debiti diretti transkonfinali huma rakkommandabbli li jiġi estiż l-ambitu tar-Regolament. Fir-rigward tal-istrumenti tal-ħlas li huma prinċipalment jew esklussivament stampati, bħaċ-ċekkijiet, għadu mhux rakkommandabbli li jiġi

applikat il-prinċipju tal-imposti uniformi billi min-natura tagħhom ma jistgħux jiġu pproċessati b'mod effiċjenti daqs il-pagamenti *elettroniċi*.

applikat il-prinċipju tal-imposti uniformi billi min-natura tagħhom ma jistgħux jiġu pproċessati b'mod effiċjenti daqs il-pagamenti *li jiġu pproċessati b'mod elettroniku. Il-prinċipju ta' spejjeż uniformi għandu, madankollu, japplika għall-pagamenti li jibdew jew jispiċċaw fuq il-karta jew fi flus kontanti, jekk ikunu pproċessati b'mod elettroniku matul il-katina tal-pagament.*

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kriterju għall-pagamenti li huwa kopert bir-regolament għandu jkun l-ipproċessar elettroniku tagħhom, anke jekk it-trasferiment tal-kreditu, il-pagament bil-card jew id-debitu dirett jibda u jispiċċa fuq il-karta jew fi flus kontanti.

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) Peress li għandha tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-swieq tal-ħlas, huwa xieraq li jiġi applikat il-prinċipju tal-ugwaljanza tal-imposti. Għal dak il-għan għandu jiġi identifikat għal kull kategorija ta' tranżazzjoni ta' ħlas transkonfinali, ħlas nazzjonali li għandu karatteristiċi simili ħafna jew l-istess bħal ta' ħlas transkonfinali, *partikolarment fejn jidħlu l-kanal minn fejn jibda, il-ħeffa u l-grad ta' awtomazzjoni.*

Amenda

(6) Peress li għandha tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-swieq tal-ħlas, huwa xieraq li jiġi applikat il-prinċipju tal-ugwaljanza tal-imposti. Għal dak il-għan għandu jiġi identifikat għal kull kategorija ta' tranżazzjoni ta' ħlas transkonfinali, ħlas nazzjonali li għandu karatteristiċi simili ħafna jew l-istess bħal ta' ħlas transkonfinali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kriterji għall-identifikazzjoni għall-pagament domestiku korrispondenti għandu jkun stabbilit fl-Artikolu u mhux biss fi Premessa.

Emenda 3

Proposta għal regolament Artikolu 2 - punt 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) 'pagamenti transkonfinali' tfisser tranżazzjonijiet ta' hłas **elettroniku** mibdijin mill-pagatur jew mill-benefiċjarju **u mwettqa permezz ta' fornitur tas-servizzi tal-hłas jew fergħa tiegħu f'wieħed mill-Istati Membri, bil-ħsieb li jitqiegħed ammont ta' flus għad-dispożizzjoni ta' benefiċjarju permezz tal-fornitur tas-servizzi tal-hłas jew fergħa tiegħu, fi Stat Membru ieħor;**

Amenda

(1) 'pagamenti transkonfinali' tfisser tranżazzjonijiet ta' hłas **ipproċessati elettronikament** mibdijin mill-pagatur jew minn jew permezz ta' benefiċjarju **fejn il-fornituri tas-servizzi tal-hłas tal-pagatur u l-benefiċjarju jinsabu fi Stati Membri differenti;**

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-definizzjoni għandha tkun issimplifikata u aktar konformi mad-Direttiva tas-Servizzi tal-Pagamenti: skont l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva tas-Servizzi tal-Pagament, hija deċiżiva fejn fornitur tas-servizzi tal-pagamenti huwa stazzjonat, li jinkludi l-fergħat. Ara wkoll il-ġustifikazzjoni għal Emenda 1.

Emenda 4

Proposta għal regolament Artikolu 2 - punt 9 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9a) 'fondi' tfisser karti tal-flus u muniti, flus skritturali u flus elettroniki kif definiti fl-Artikolu 1(3)(b) tad-Direttiva 2000/46/KE;

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-terminu 'fondi' qed jintuża fl-Artikolu 2 (Definizzjonijiet) tar-regolament propost. Għandu għalhekk ikun definit, billi d-definizzjoni tkun introdotta fid-Direttiva tas-Servizzi tal-Pagamenti (Artikolu 4 (15)).

Emenda 5

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Waqt il-valutazzjoni, bl-għan tal-konformità mal-paragrafu 1, il-livell tal-imposti fuq ħlas transkonfinali, fornitur tas-servizz tal-ħlas għandu jidentifika l-ħlas domestiku korrespondenti.

Emenda

2. Waqt il-valutazzjoni, bl-għan tal-konformità mal-paragrafu 1, il-livell tal-imposti fuq ħlas transkonfinali, fornitur tas-servizz tal-ħlas għandu jidentifika l-ħlas domestiku korrespondenti ***jew dak simili.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Meta wieħed jagħmel valutazzjoni tal-livell tal-ispejjeż għall-pagament transkonfinali u l-pagament domestiku korrispondenti jew fl-assenza ta' dan tal-aħħar, għandu jiġi kkunsidrat dak simili.

Emenda 6

Proposta għal regolament Artikolu 4 - paragrafu 1 subparagrafu 2 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas m'għandux jitleb ħlas lil dak li qed juża s-servizz tal-pagament għaliex jipprovdli l-informazzjoni skont dan il-paragrafu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex dan ir-Regolament ikun konformi mad-Direttiva tas-Servizzi tal-Pagament (Artikolu 32 (1)), għandu jkun ikkjarifikat li din l-informazzjoni għal dak li juża s-servizz tal-pagament hija bla ħlas.

Emenda 7

Proposta għal regolament Artikolu 6 - subparagrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom jitolbu lill-awtoritajiet kompetenti biex jagħmlu monitoraġġ effettiv tal-konformità ma dan ir-Regolament u biex jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex tiġi żgurata din il-konformità.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandu jingħad b'mod espliċitu li l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw il-konformità ma dan ir-Regolament, u ma jirreaġixxux biss għall-ilmenti ta' min juża s-servizzi ta' pagament. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu kapaċi jintervjenu fuq l-inizjattiva tagħhom stess.

Emenda 8

Proposta għal regolament Artikolu 9

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-awtoritajiet kompetenti u l-entitajiet ta' rimedju bonarju tal-Istati Membri, msemmija fl-Artikolu 6 u 8, għandhom jikkoperaw attivament sabiex isolvu t-tilwim transkonfinali.

*L-awtoritajiet kompetenti u l-entitajiet ta' rimedju bonarju tal-Istati Membri, msemmija fl-Artikolu 6 u 8, għandhom jikkoperaw attivament sabiex isolvu t-tilwim transkonfinali **billi jkun hemm skambju ta' informazzjoni dwar il-prattika legali fil-ġurisdizzjoni tagħhom u kif isir it-trasferiment tal-ilment u l-proċeduri ta' rimedju jekk ikun meħtieġ.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa bżonnjuż li jiġi ikkjarifikat aktar kif l-awtoritajiet kompetenti u l-entitajiet ta' rimedju bonarju għandhom jikkoperaw fil-każijiet ta' tilwim transkonfinali.

NOTA SPJEGATTIVA

l-inefficijenzi u l-ispejjes għolja tal-pagamenti trans-konfinali dehru biss wara l-introduzzjoni tal-euro u meta spiċċaw ir-rati tal-kambju bejn il-pajjiżi taż-żona tal-euro.

Fi sfond bħal dan, fil-25 ta' Lulju 2001, il-Kummissjoni għamlet proposta għal Regolament (KE) Nru 2560/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-pagamenti transkonfinali bl-euro (minn issa 'l quddiem magħruf bħala r-'Regolament 2560'). Għet adottata fid-19 ta' Diċembru 2001 u daħlet fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 2001 tiggarrantixxi li pagamenti transkonfinali jiswew l-istess daqs pagamenti magħmula fi Stat Membru.

Dan japplika għat-trasferimenti ta' kreditu, għid ta' flus kontanti mill-magni tal-għid tal-flus u pagamenti permezz ta' karti ta' debitu u kreditu sa EUR 12.500 fil-pajjiżi taż-Żona Ekonomika Ewropea (is-27 Stat Membru kollha tal-Unjoni Ewropea flimkien mal-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja). Mill-1 ta' Jannar 2006, ir-Regolament japplika għall-pagamenti transkonfinali sa EUR 50.000.

Ir-Regolament introduċa l-prinċipju ta' spejjeż ugwali għall-pagamenti domestiċi (nazzjonali) u dawk transkonfinali korrispondenti li waqqgħu l-prezzijiet u għabu aktar kompetizzjoni fis-swieq tas-servizzi tal-pagamenti. Dan ir-Regolament ta l-ispinta liż-Żona Unika tal-Pagamenti bl-Euro (SEPA).

Il-proposta għal Regolament immodifikata għet bħala respons għall-evoluzzjoni mgħaġġla fis-suq tal-pagamenti fl-UE u hija r-riżultat ta' proċess ta' analiżi bir-reqqa u rapport, ippreparat mill-Kummissjoni Ewropea fi Frar 2008.

Il-proċess tal-analiżi tar-Regolament 2560 kien fih numru ta' elementi differenti.

Ir-rapport tal-Kummissjoni Ewropea ipprova kif ir-Regolament 2560/2001 kien applikat fl-Istati Membri u liema kienu l-problemi prattiċi fl-implimentazzjoni tiegħu. Ikkonkluda li għandhom isiru numru ta' proposti biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet identifikati, jirrifletti aħjar l-iżviluppi fis-swieq finanzjarji bl-immut biex ir-Regolament jikkonforma mad-Direttiva tas-Servizzi tal-Pagamenti li għet adottata riċentement (2007/64/KE).

Ir-rapport jikkonferma li r-Regolament laħaq żewġ objettivi prinċipali. L-ewwel nett, għab nuqqas importanti fil-ħlasijiet għall-pagamenti transkonfinali, b'mod partikolari għat-trasferimenti ta' kreditu (EUR 100 għat-trasferiment transkonfinali, li kieku kien jiswa EUR 24 bħala valur medju qabel ma għet introdott ir-Regolament, issa jiswa EUR 2.50 bħala valur medju, bla ma jwassal għal żieda fl-ispejjeż għat-trasferimenti domestiċi). It-tieni nett, inkoraġġixxa l-industrija tas-servizzi finanzjarji fl-assenza ta' infrastruttura effiċjenti u integrata tas-servizzi ta' pagamenti Ewropej, biex tagħmel l-isforzi neċessarji u biex iddawwar f'realtà il-kunċett ta' 'żona ta' pagament domestiku' għal pagamenti bl-Euro mhux fi flus kontanti, u b'hekk tinholq Iż-Żona Unika ta' Pagamenti bl-Euro (SEPA), li f'terminu itwal għandha tgħin biex tnaqqas l-ispejjeż tal-konsumaturi kollha.

Ir-rapport jikkonkludi li l-iskop tar-Regolament għandu jiġi estiż biex jinkludi d-debitu dirett, li qabel ma kienx disponibbli fuq bażi transkonfinali. Barra minn hekk, skont dan ir-regolament, l-Istati Membri kollha għandhom iwaqqfu awtoritajiet kompetenti u proċeduri ta'

rimedju bonarju adegwati għal protezzjoni aħjar tad-drittijiet tal-konsumatur f'tilwim li jqum minħabba r-Regolament.

Huma maħsuba wkoll ir-Reviżjoni u t-tneħħija sussegwenti tal-obbligazzjonijiet tar-rappurtar tal-bilanċ tal-pagamenti impost fuq il-banek f'xi Stati Membri, minħabba li dawn l-obbligazzjonijiet ifixklu l-iżvilupp tas-SEPA, jillimitaw l-introduzzjoni tal-ipproċessar awtomatiku sħiħ tal-pagamenti transkonfinali u li fl-aħħar iwasslu għal spejjeż akbar għall-banek u l-konsumaturi.

Il-proposta tal-Kummissjoni tintroduċi ħames bidliet prinċipali għat-test preżenti tar-Regolament 2560/2001:

- Hija testendi l-prinċipju tal-ugwalità tal-ispejjes fuq il-pagamenti transkonfinali u dawk domestiċi korrispondenti sabiex ikopru d-debiti diretti (l-Artikolu 2, definizzjonijiet);
- Tikkjarifika l-idea ta' "pagamenti korrispondenti" (L-Artikolu 3);
- Titlob li l-Istati Membri jaħtru awtoritajiet kompetenti u entitajiet ta' rimedju bonarju biex jindirizzaw b'mod effettiv l-ilmenti u t-tilwim marbuta ma' din il-proposta (L-Artikoli 6 u 9);
- Tneħħi l-obbligazzjonijiet tar-rappurtar tal-istatistika tal-bilanċ tal-pagamenti imposti fuq dawk li jipprovdu s-servizzi tal-pagamenti (EUR 50.000 sal-1 ta' Jannar u t-tneħħija kompleta sal-2012) (L-Artikolu 5);
- Klawsola ta' Reviżjoni (L-Artikolu 12).

It-twaqqif tas-SEPA u l-adozzjoni tad-Direttiva tas-Servizzi tal-Pagamenti (PSD) qed jibdlu x-xejra tal-pagamenti fl-Ewropa. B'mod partikolari, strument popolari ta' pagament elettroniku - debitu dirett - se jkun disponibbli fuq bażi transkonfinali minn Novembru 2009.

Sabiex jinħoloq qafas legali konsistenti u sħiħ għall-istrumenti tal-pagamenti kollha elettroniċi fl-Ewropa, u biex jiġu evitati kwalunkwe ambigwitajiet li jistgħu jirriżultaw minn differenzi bejn testi legali, il-kliem tar-Regolament, b'mod partikolari d-definizzjonijiet tiegħu, għandom ikunu konformi mad-Direttiva tas-Servizzi tal-Flasijiet (2007/64/KE).

Issuġġeriti mill-parlament għandhom l-emendi għandhom itejbu l-proposta tal-Kummissjoni fl-oqsma li ġejjin:

- Il-kjarifika tad-definizzjonijiet u l-idea tal-pagamenti korrispondenti;
- Ir-Regolament għandu jikkjarifika li awtoritajiet kompetenti għandhom jintalbu mill-Istati Membri biex jagħmlu monitoraġġ b'mod effettiv lir-Regolament u jieħdu l-miżuri kollha neċessarji jiex jiżguraw konformità miegħu.
- Kjarifika, jiġifieri aktar dettalji fl-Artikolu 9 (koperazzjoni transkonfinali) ta' kif l-awtoritajiet kompetenti u l-entitajiet ta' rimedju barra l-Qorti tal-Istati Membri differenti għandhom jikkoperaw, tista' tkun ta' benefiċċju.